MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 305/2001/1

**Enemalta Corporation**

**Vs**

**Angelo Schembri**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-konvenut u /jew minn terzi inkarigati minnu ppremettew illi waqt li kien qed isir xoghol b'makkinarju, ikkaguna hsarat f'"high tension cable" propjeta' tal-korporazzjon attrici liema cable jinsab fl-inhawi bejn Victory Square, u c-Centru Islamiku, f'Rahal Gdid fis-6 ta' April 1999.

Premess illi ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-korporazzjoni attrici, rizultanti minn negligenza da parti tal-konvenut, fl-ammont ta’ elf sitt mija tmienja u sebghin lira Maltija u disghin centezmu, (Lm1678.90), rapprezentanti materjal u xoghol li kellu jsir biex l-hsarat kienu rimedjati, il-konvenut baqa’ inadempjenti,

Ghaldaqstant il-Korporazzjoni attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tiddikjara lill konvenut unikament responsabbli ghall-hsarat li kkawza fil-“high tension cable” fis-6 ta’ April, 1999, propjeta’ tal-koporazzjoni attrici kif fuq indikat ;

2. tiddikjara u tikkonferma li l-ammont dovut ghall-hsarat relattivi jammonta ghal elf u sitt mija u tmienja u sebghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1678.90);

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni s-somma hawn fuq indikata rappresentanti materjal u xoghol ghad-danni kkagunati lill-istess “high tension cable” ghar-ragunijiet hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-24 ta’ Frar 2000, u tal-ittra ufficjali datata Marzu 2000, kif ukoll imghax fuq is-somma indikata, sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** Angelo Schembri a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi la l-eccipjent u lanqas terzi minnu inkarigati qatt ma esegwixxa xoghliiet fl-inhawi bejn Victory Square u c-Centru Islamiku gewwa Rahal Gdid kif qed jigi allegat u ghaldaqstant qatt ma setgha kkawza l-hsara li qed tigi allegata ;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talba attrici ma tindika ebda data meta saret l-allegata hsara u ghalhekk ukoll il-konvenut mhux edott mill-fatti sabiex ikun f'posizzjoni li jintavola l-eccezzjonijiet tieghu fil-mertu.

3. B'riserva li jippresenta eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi qed jitolbu s-somma ta' Lm1,678.90 ghall hsarat li l-konvenut **kkawza fil-"high tension cable" fis-6 ta' April, 1999, propjeta' tal-korporazzjoni attrici waqt li hu kien qed**
**isir xoghol b'makkinarju,**
Il-konvenut qed jikkontendi (differentement minn dak li hemm eccepiet) li mhux responsabbili ghall hsarat kagjonati.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenut xehed li hu kuntrattur ta' l-arbli tad-dawl mal-Enemalta. Pawlu Portelli, il-foreman inkarigat mid-distrett ta' Rahal Gdid, li jinkludi l-Isla u l-Birgu, kien qabdu biex jibdel zewg arbli qodma fil-pjazza ta' l-Isla. Hu qala' dawn l-arbli u fl-istess post wahhal tnejn ohra godda. Billi t-toqba kienet baxxa u hu kellu jinzel bi trapan erba piedi. X'hin lesta kollox u wahhal l-arbli gie foreman iehor Manwel Cassar u staqsih jekk kienx qata xi *cable* u wiegbu li ma jidhirlux. Fil-ghaxija gie nfurmat li kien laqat *cable* u kien mar id-dawl f'parti ta' Isla.

Fil-kaz in ezami l-konvenut ma kienx xi kuntrattur privat izda kien l-istess kuntrattur ta' l-Enemalta li huwa nkarigat mill bdil ta' l-arbli tad-dawl. Dan kien xogholu.

Kull kuntrattur li jaghmel xoghol ta’ thaffir fit-toroq huwa fl-obbligu li jkollu l-permessi u jaghmel il-verifiki necessarji biex jassigura li ma ssirx hsara. Inoltre hu marbut bir-regoli generali tad-dritt li wiehed ma jistax u m’ghandux jagixxi b’negligenza jew traskuragni b’mod li jikkaguna danni fil-proprjeta’ ta’ haddiehor.

Dwar permessi jirrizulta li kienet l-Enemalta stess li kellha ggib dawn il-permessi li bihom il-konvenut setgha jahdem.

Dwar kif kellu jsir ix-xoghol l-konvenut xehed li s-soltu tal-Enemalta jindikawlu fejn ikun hemm *cable* ghaddej izda f’dan il-kaz il-foreman lilu ma qallu xejn u lanqas ghamillu xi sinjali bl-ispray li kien hemm xi *cable*. Dan hu konfermat mill-istess foreman Portelli li xehed li ma kienx informa lill konvenut jekk kienx hemm *cables* ghaddejin minn dawk in-nahiet u li mhix prattika li meta jinqala’ arblu jiccekkjaw jekk hemmx *cables*. Hu kkonferma li l-konvenut mexa fuq struzzjonijiet li tah hu.

Ghalkemm Portelli jghid li l-konvenut ma kellux ihaffer imma semplicement jibdel il-pilastri, jirrizulta li billi l-arbli li twahhlu kienu bil-qatran maghhom fil-parti t’isfel il-konvenut bilfors kellu jhaffer ghax il-hofra ma kientx fonda bizzejjed. Il-konvenut xehed li meta qala l-arbli huwa ma rahx *wires* u haffer. Hu ma kienx gie nfurmat li hemmhekk kien hemm xi *cable* u fejn wahhal l-arblu kien jidher li l-bankina kienet giet miksija mill-gdid bil-konkos u ma kellux ghaliex jahseb li hemmhekk ma kienx *safe*.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li l-incident gara tort tal-konvenut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba ta’ l-atturi
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------